



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15050/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0356(COD)

ENV 1240
STATIS 73
RECH 484

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 584 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 584 final.

Mehmuż: COM(2023) 584 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2023
COM(2023) 584 final

2023/0356 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal
infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar “Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030”¹, il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza ta' sistema regolatorja li tiżgura li l-objettivi jintlaħqu b'kostijiet minimi. Għaldaqstant, hija impenjat ruħha biex tagħti spinta għida lir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar, bl-għan aħħari li tnaqqas b'25 % il-piżijiet relatati, mingħajr ma timmina l-objettivi ta' politika relatati.

Ir-rekwiżiti tar-rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' infurzar korrett u ta' monitoraġġ kif suppost tal-leġiżlazzjoni. B'mod ġenerali, il-kostijiet tagħhom jiġu fil-biċċa l-kbira kkompensati mill-benefiċċju li jiġbu magħhom, b'mod partikolari fil-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità ma' miżuri ta' politika ewlenin. Madankollu, ir-rekwiżiti tar-rapportar jistgħu jimponu wkoll piżijiet sproporzjonati fuq il-partijiet ikkonċernati, li jaffettwaw b'mod partikolari lill-SMEs u lill-mikrokumpaniji, anke minħabba l-iżviluppi organizzattivi u teknoloġiċi li jitolbu li r-rekwiżiti tar-rapportar oriġinali jiġu aġġustati. Maż-żmien, l-akkumulazzjoni tagħhom tista' tirriżulta f'obbligi żejda, doppji, jew li ma għadhomx applikabbli, fi frekwenza u twaqqit ineffiċjenti, jew f'metodi tal-għbir inadegwati. Għal din ir-raġuni, diversi strumenti tal-UE li jgħolqu obbligi tar-rapportar jinkludu limiti speċifiċi għal kumpaniji iżgħar.

Għaldaqstant, is-simplifikazzjoni tal-obbligi tar-rapportar u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi huma ta' prijorità. F'dan il-kuntest, din il-proposta għandha l-għan li tissimplifika inizjattiva inkluża fl-ambizzjonijiet ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u Ewropa lesta għall-era diġitali fil-qasam ta' politika tal-Ambjent u li taffettwa s-setturi li ġejjin: servizzi pubbliċi u servizzi professjonali.

Il-proposta se tirrazzjonalizza l-obbligi tar-rapportar skont id-Direttiva 2007/2/KE billi tnaqqas il-frekwenza tar-rekwiżiti tar-rapportar.

Ir-razzjonalizzazzjoni tal-obbligi tar-rapportar indirizzati b'din il-proposta tikkonċerna l-awtoritajiet pubbliċi, u tista' twassal indirettament għal riduzzjoni fil-piż fuq in-negozji. B'mod aktar speċifiku, rapportar inqas frekwenti se jnaqqas il-piż fuq l-industriji u l-utilitajiet li huma meħtieġa biex jaqsmu s-settijiet tad-*data* identifikati fl-Annessi tad-Direttiva bħal netwerks tal-utilitajiet, lokalità tal-produzzjoni u faċilitajiet industrijali, eċċ. Mhuma miżjuda ebda obbligi ġodda. L-obbligu ta' rapportar affettwat minn din il-proposta se jseġwi ċiklu biennali minflok ċiklu annwali.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta dwar l-emenda tad-Direttiva 2007/02/KE hija parti mill-ewwel pakkett ta' miżuri biex jiġu razzjonalizzati r-rekwiżiti tar-rapportar. Dan huwa pass fi proċess li jħares b'mod komprensiv lejn ir-rekwiżiti tar-rapportar eżistenti, bil-ħsieb li tiġi vvalutata r-rilevanza kontinwa tagħhom u biex isiru aktar effiċjenti.

Ir-razzjonalizzazzjoni introdotta b'dawn il-miżuri mhix se taffettwa b'mod negattiv il-kisba tal-objettivi fil-qasam ta' politika, peress li wara ċiklu ta' rapportar biannwali minflok ċiklu ta' rapportar annwali xorta jippermetti li jinqabdu x-xejriet u l-evoluzzjonijiet tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

¹ COM(2023)168.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha hija adattata għall-użu tagħha, immirata lejn il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati u xxejjien il-piżijiet filwaqt li tilħaq l-oġġettivi tagħha. Għaldaqstant, din il-proposta hija parti mill-Programm REFIT, li jnaqqas il-kumplessità tal-piżijiet tar-rapportar li jirriżultaw mill-ambjent legali tal-UE.

Filwaqt li ċerti rekwiżiti tar-rapportar huma essenzjali, dawn jeħtieġ li jkunu effiċjenti kemm jista' jkun, jevitaw id-duplikazzjonijiet, ineħħu piżijiet mhux meħtieġa u jużaw kemm jista' jkun soluzzjonijiet diġitali u interoperabbli.

Il-proposta attwali tirrazzjonalizza r-rekwiżiti tar-rapportar u b'hekk tagħmel il-kisba tal-oġġettivi tal-leġiżlazzjoni aktar effiċjenti u anqas ta' piż għall-awtoritajiet pubbliċi.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għad-Direttiva 2007/2/KE hija l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 192(1) jipprovdi l-bażi ġuridika għal miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent inkluż l-użu ta' *data* disponibbli biex tinforma t-tnejja tal-politika ambjentali.

- **Sussidjarjetà**

Ir-rekwiżiti tar-rapportar ikkonċernati huma imposti mid-dritt tal-UE. Ir-razzjonalizzazzjoni tagħhom għalhekk issir l-aħjar fil-livell tal-UE biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-konsistenza tar-rapportar. Dan se jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti għall-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-UE, li se jkunu qed jibbenefikaw mir-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar li jirriżultaw minn din il-proposta.

- **Proporzjonalità**

Ir-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar tissimplifika l-qafas legali billi tintroduċi bidliet minimi għar-rekwiżiti eżistenti li ma jaffettwawx is-sustanza tal-oġġettiv ta' politika usa'. Għaldaqstant, il-proposta hija limitata għal daww il-bidliet li huma meħtieġa biex jiġi żgurat rapportar effiċjenti mingħajr ma jinbidel l-ebda wieħed mill-elementi sostanzjali tal-leġiżlazzjoni kkonċernata.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba li l-emenda li għandha ssir fid-Direttiva 2007/2/KE tikkonċerna l-ġoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, ma hemmx għalfejn tiġi trasposta. Huwa xieraq għalhekk li f'din is-sitwazzjoni partikolari tintuża deċiżjoni għal emenda bħal din.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-2022 tad-Direttiva INSPIRE ⁽²⁾ sabet li l-piż tar-rapportar jista' jitnaqqas aktar fil-funzjoni tal-allinjament tad-dispożizzjonijiet ta' INSPIRE mad-dispożizzjonijiet ta' rapportar regolatorju f'regolamenti ambjentali oħra. Barra minn hekk, jekk INSPIRE ssir

² SWD(2022) 195 finali, SWD(2022) 196 final.

teknikament aktar effiċjenti, dan jista' jappoġġa aktar tnaqqis fil-piż amministrattiv minn INSPIRE.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-ġharfien esperti**

Din il-proposta ġiet identifikata wara proċess ta' skrutinju intern tal-obbligi tar-rapportar eżistenti u abbażi tal-esperjenza mill-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni relatata. Peress li dan huwa pass fil-proċess ta' valutazzjoni kontinwa tar-rekwiżiti tar-rapportar li jirriżultaw mill-leġislazzjoni tal-UE, l-iskrutinju ta' dawn il-piżijiet u tal-impatt tagħhom fuq il-partijiet ikkonċernati se jkompli għaddej.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tikkonċerna bidliet limitati u mmirati tal-leġislazzjoni bil-ħsieb li jiġu razzjonalizzati r-rekwiżiti tar-rapportar. Dawn huma bbażati fuq l-esperjenza mill-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni. Il-bidliet ma għandhomx impatti sinifikanti fuq il-politika, iżda jiżguraw biss implimentazzjoni aktar effiċjenti u effettiva. Minħabba n-natura mmirata tagħhom u n-nuqqas ta' għażliet ta' politika rilevanti, valutazzjoni tal-impatt mhijiex meħtieġa.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din hija proposta REFIT, li għandha l-għan li tissimplifika l-leġislazzjoni u tnaqqas il-piżijiet għall-partijiet ikkonċernati.

Il-proposta tkompli tissimplifika r-rapportar skont id-Direttiva 2007/2/KE u tikkoinċidi ma' inizjattivi ta' simplifikazzjoni oħrajn (jiġifieri, dwar ir-regoli għall-interoperabbiltà tad-*data* u tas-servizzi tan-network) u l-allinjament ma' leġislazzjoni oħra dwar id-*data* (id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa).

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Minħabba li l-emenda li għandha ssir fid-Direttiva 2007/2/KE tikkonċerna l-għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, ma hemmx għalfejn tiġi trasposta.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1

L-Artikolu 1 jintroduċi ċiklu ta' rapportar biennali minflok ċiklu ta' rapportar annwali. Din il-frekwenza ta' rapportar hija allinjata mal-frekwenza ta' rapportar skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/138 dwar is-Settijiet tad-*Data* ta' Valur Għoli, li fil-biċċa l-kbira għandha kamp ta' applikazzjoni tad-*data* li jikkoinċidi mad-Direttiva 2007/2/KE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rapportar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti tar-rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' monitoraġġ kif suppost u infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati, biex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li kienu maħsuba għalih u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv.
- (2) Huwa meħtieġ li l-frekwenza u t-twaqqit tal-obbligi tar-rapportar dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-infrastrutturi tal-Istati Membri għall-informazzjoni ġeografika jiġu allinjati ma' leġiżlazzjoni orizzontali aktar reċenti dwar id-*data* diġitali sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.
- (3) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tistabbilixxi regoli ġenerali maħsuba għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika għall-finijiet tal-politiki ambjentali tal-Unjoni u tal-politiki jew tal-attivitajiet li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent. L-Artikolu 21(2) ta' dik id-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jaġġornaw, jekk ikun meħtieġ, u jippubblikaw rapport li jinkludi, fost affarijiet oħra, deskrizzjoni fil-qosor tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Marzu ta' kull sena.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

- (4) Filwaqt li tqiesu r-riżultati tar-rapport tal-Kummissjoni⁴ dwar Azzjonijiet għas-Simplifikazzjoni tar-Rappurtar Ambjentali u l-Kontroll tal-Idoneità dwar ir-Rappurtar u l-Monitoraġġ tal-Politika Ambjentali tal-Unjoni li jakkumpanjah, id-Direttiva 2007/2/KE ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ biex jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar għall-governanza għall-implimentazzjoni tagħha u għall-użu mill-ġdid tad-*data* ġeografika pubblika. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE konkludha mill-Kummissjoni fl-2022 sabet li hemm lok biex din issir teknikament aktar effiċjenti permezz ta' aktar tnaqqis fil-piż amministrattiv.
- (5) Biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, huwa xieraq li l-frekwenza tar-rapportar skont id-Direttiva 2007/2/KE titnaqqas għal darba kull sentejn.
- (6) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2007/2/KE tiġi emendata skont dan.
- (7) Minħabba li l-emenda li għandha ssir fid-Direttiva 2007/2/KE tikkonċerna l-ġoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, ma hemmx għalfejn tiġi trasposta. Huwa xieraq għalhekk li f'din is-sitwazzjoni partikolari tintuża deċiżjoni għal emenda bħal din.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva 2007/2/KE

L-ewwel sentenza tal-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2007/2/KE hija sostitwita b'dan li ġej:

“Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sentejn, mill-31 ta' Marzu 2025, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw, jekk meħtieġ, rapport ta' sinfezi. Dawk ir-rapporti, li għandhom jiġu ppubblikati mis-servizzi tal-Kummissjoni, għandhom jinkludu deskrizzjonijiet sommarji ta'”.

Artikolu 2

Dħul fis-Seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Destinatarji

⁴ COM/2017/0312 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Azzjonijiet għas-Simplifikazzjoni tar-Rappurtar Ambjentali

⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi tar-rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115).

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President